**Parlament Ewropew**
2014 - 2019

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2014/2237(INI)**

21.5.2015

# EMENDI 1 - 309

**Abbozz ta' rapport**
**Inês Cristina Zuber**
(PE554.950v01-00)

dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal
2014/2237(INI)

**Emenda 1**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 5a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (2000/43/KE) u d-Direttiva dwar il-Qafas ta' Ugwaljanza fl-Impjiegi (2000/78/KE),*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Lampros Fountoulis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi vulnerabbli [3],<br><br>[3] Testi adottati, P7_TA(2013)0328. | — wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2013 dwar l-impatt tal-kriżi fuq l-aċċess għall-kura tal-gruppi ***soċjalment*** vulnerabbli [3],<br><br>[3] Testi adottati, P7_TA(2013)0328. |

Or. el

**Emenda 3**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014–2020"[1 b],*** |
| | ***[1 b] Testi adottati, P7_TA(2013)0266.*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 14a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ġunju 2013 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Lejn Investiment Soċjali għat-Tkabbir u l-Koeżjoni – inkluża l-implimentazzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew 2014-2020";*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Vilija Blinkevičiūtė, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE[1 c],*** |

[1 c] ***ĠU C 199E, 7.7.2012, p. 25.***

Or. en

**Emenda 6**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 16a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 20**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — wara li kkunsidra r-rapport ta' Save the Children "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", ***Brussell, 2014, p. 5,*** | — wara li kkunsidra r-rapport ta' Save the Children ***(2014)*** "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", |

Or. en

**Emenda 8**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-rapport ta' valutazzjoni EUROCHILD (2014) "Il-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tal-2014 (PNR) u r-Rapporti Soċjali Nazzjonali (RSN) minn valutazzjoni tal-faqar u l-benessri fost it-tfal",*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 22a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra r-rapport mill-ħdax-il konferenza tal-Eurochild, li saret mis-26 sat-28 ta' Novembru 2014 f'Bukarest,*** |

Or. pt

**Emenda 10**
**Maria Arena**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Kunsiderazzjoni 28a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***- wara li kkunsidra l-Investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ- studju ta' analiżi ta' politiki nazzjonali min-Netwerk Ewropew ta' Esperti Indipendenti dwar l-Inklużjoni Soċjali [1 a]*** |
| | ***[1 a] Netwerk ta' Esperti Indipendenti dwar l-Inklużjoni Soċjali, l-Investiment fit-tfal: Niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ. Studju ta'*** |

*politiki nazzjonali. Brussell, 2014.*

Or. en

**Emenda 11**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa –Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-Aa. Billi għandha tingħata viżibilità politika akbar għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-ogħla livell politiku tal-UE, jekk l-UE għandha tissodisfa l-miri tal-istrateġija Ewropa 2020 biex jitnaqqas il-faqar b'mill-inqas 20 miljun persuna sal-2020;*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-Aa. Billi, taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, it-tfal kollha għandhom jiġu garantiti d-dritt għall-edukazzjoni, servizzi tal-kura tas-saħħa, dar, protezzjoni, il-parteċipazzjoni fid-deċiżjonijiet li jaffettwawhom, divertiment u ħin liberu, dieta bilanċjata u li jirċievu l-kura f'ambjent ta' familja;*** |

Or. pt

**Emenda 13**
**Vilija Blinkevičiūtė, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa -Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-A b. Billi l-maġġoranza tal-Istati Membri s'issa ma tawx wisq attenzjoni lill-użu ta' Fondi Strutturali tal-UE għall-ġlieda kontra r-rati allarmanti u li għadhom qed jikbru tal-faqar fost it-tfal fl-Ewropa kif ukoll li jippromwovu l-inklużjoni soċjali tagħhom u l-benesseri ġenerali;*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali ***jwasslu għal aktar faqar*** fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; | A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali ***jikkontribwixxu b'mod sostanzjali għaż-żieda fil-faqar*** fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; |

Or. it

**Emenda 15**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE***, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla***; | A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE; |

Or. en

**Emenda 16**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; | A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali ***jistgħu*** jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet ***meta l-ġenituri jabbandunaw id-dmir edukattiv tagħhom,*** u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha***, riżultat tal-politika ta' awsterità imposta***, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; |

Or. fr

**Emenda 17**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, ***billi t-tfal huma l-grupp ta' età*** fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; | A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, ***it-tfal*** fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; |

Or. en

**Emenda 18**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa A**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali jwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; | A. Billi aktar inugwaljanzi soċjali***, li żdiedu minħabba politika tal-gvern u baġitarji irresponsabbli u finanzjarjament mhux sostenibbli,*** iwasslu għal aktar faqar fost it-tfal, billi t-tfal huma l-grupp ta' età fl-akbar riskju ta' faqar f'19-il Stat Membru tal-UE, l-inugwaljanzi soċjali jirriproduċu żvantaġġ fost il-ġenerazzjonijiet u d-dejta tindika li d-differenza bejn is-sinjuri u l-foqra żdiedet fl-UE kollha, inkluż fil-pajjiżi b'PDG ogħla; |

Or. hu

**Emenda 19**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-miżuri għall-ħolqien tal-impjiegi huma strument effettiv għat-tnaqqis tal-faqar;*** |

Or. de

**Emenda 20**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. Billi wieħed minn ħamsa tal-popolazzjoni totali tal-UE huwa taħt 18-il sena. Minkejja l-impenji, aktar minn wieħed minn kull erbat itfal issa jgħixu fir-riskju tal-faqar jew esklużjoni soċjali fl-UE;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. Billi skont il-Eurostat il-fatturi ewlenin li jaffettwaw il-faqar fost it-tfal huma s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri, li hija marbuta mal-livell ta' edukazzjoni tagħhom, il-kompożizzjoni tal-familja li jgħixu fiha t-tfal u l-effettività tal-intervent tal-gvern permezz ta' appoġġ għall-introjtu u l-forniment li jiġu permessi s-servizzi;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. Billi l-fatturi bl-akbar influwenza fuq il-faqar fost it-tfal huma l-politiki ta' ridistribuzzjoni tal-ġid u l-politika tax-xogħol[9a], b'mod partikolari l-livelli ta' introjtu tal-ġenituri u d-drittijiet soċjali;*** |
| | ___ |
| | ***[9a] Save the Children, "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", Brussell, 2014, p. 5*** |

Or. pt

**Emenda 23**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Brando Benifei, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. Billi l-Parlament Ewropew ripetutament tenna l-appell tiegħu għall-implimentazzjoni tal-Pakkett ta' Investiment Soċjali (SIP), u japprova r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Investiment fit-Tfal, Niksru ċ-Ċiklu tal-Iżvantaġġ li tipproponi qafas ta' politika komprensiv għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-promozzjoni tal-benessri tat-tfal ibbażat fuq tliet pilastri ta' aċċess għal riżorsi*** |

| | |
|---|---|
| | ***adegwati; aċċess għall-kwalità u s-servizzi inklussivi; u l-parteċipazzjoni tat-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. Billi, għalkemm it-tfal ta' ġenituri b'intensità tax-xogħol baxxa ħafna huma 56.7 % aktar probabbli li jkunu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, il-familji b'intensità tax-xogħol għolja jibqgħu f'riskju ta' faqar fost it-tfal illum (ir-Rumanija, il-Litwanja, il-Portugall, Spanja, il-Greċja, il-Latvja, is-Slovakkja, il-Polonja jew il-Lussemburgu);*** |

Or. pt

**Emenda 25**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B. Billi l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 26**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. Billi l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali; | B. Billi l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali; ***billi din il-qerda tal-introjtu hija l-konsegwenza tal-politiki ta' awsterità imposti mill-Unjoni Ewropea fl-Istati Membri;*** |

Or. fr

**Emenda 27**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. Billi ***l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza*** soċjali; | B. Billi ***l-faqar fost it-tfal jirriżulta mill-faqar tal-familji u, għalhekk, il-familji b'introjtu baxx, ġenituri bla xogħol u/jew familji kbar huma iktar f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali bħala konsegwenza possibbli ta' politiki dwar pagi degradanti u sistemi ta' protezzjoni*** soċjali; |

Or. en

**Emenda 28**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. Billi ***l-qerda tal-introjtu*** għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali; | B. Billi ***t-tnaqqis fid-differenzi bejn l-introjtu u l-piżijiet fuqu*** għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli ***ta' mitigazzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | tal-inugwaljanza soċjali ***u billi fl-istess ħin hemm ukoll ħtieġa li tingħaqad is-solidarjetà mal-inkoraġġiment għal produttività akbar, pereżempju billi titnaqqas t-taxxa fuq l-introjtu għal dawk b'paga jew billi jiġu pprovduti ċerti servizzi, iffinanzjati mill-istat u/jew baġits tal-awtoritajiet lokali, b'rata mnaqqsa jew forsi mingħajr ħlas li jista' jnaqqas il-faqar fost it-tfal***; |

Or. hu

**Emenda 29**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. Billi l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali; | B. Billi l-qerda tal-introjtu għandu impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali ***li tikkontribwixxi biex jikber il-faqar fost it-tfal, kemm permezz ta' pagi aktar baxxi u t-tnaqqis fl-appoġġ għall-introjtu minimu***; |

Or. en

**Emenda 30**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. Billi ***l-qerda*** tal-introjtu ***għandu*** impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali; | B. Billi ***d-distribuzzjoni*** tal-introjtu ***għandha*** impatt kbir fuq it-tnaqqis ta' ċikli tal-inugwaljanza soċjali ***u l-Istati Membri bir-rati l-aktar baxxi ta' faqar fost it-tfal -*** |

***bħall-Isvezja u d-Danimarka - huma wkoll dawk bl-aktar livelli baxxi ta' faqar ġenerali u l-inugwaljanza***;

Or. pt

**Emenda 31**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. Billi bejn l-2008 u l-2012, in-numru ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Ewropa (UE27+in-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera) żdied bi kważi miljun, b'żieda ta' nofs miljun bejn l-2011 u l-2012 biss[9], u, skont id-dejtamill- Eurostat fl-2013, 26.5 miljun tifel u tifla fl-UE28 huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; fl-UE27, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bejn l-2008 u l-2012 minn 26.5 % għal 28 %; fl-2013, fl-Istati Membri tal-UE28, 28 % tal-popolazzjoni totali taħt it-18-il sena kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; | C. Billi bejn l-2008 u l-2012, in-numru ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Ewropa (UE27+in-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera) żdied bi kważi miljun, b'żieda ta' nofs miljun bejn l-2011 u l-2012 biss[9], u, skont id-dejtamill- Eurostat fl-2013, 26.5 miljun tifel u tifla fl-UE28 huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; fl-UE27, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bejn l-2008 u l-2012 minn 26.5 % għal 28 %; fl-2013, fl-Istati Membri tal-UE28, 28 % tal-popolazzjoni totali taħt it-18-il sena kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; ***billi, fl-istess ħin, dawn iċ-ċifri u dawn ir-rati ta' faqar huma aktar gravi għall-kategoriji kollha ta' persuni, irrispettivament mill-età jew is-sess;*** |
| [9] Save the Children, "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", Brussell, 2014, p. 5 | [9] Save the Children, "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", Brussell, 2014, p. 5 |

Or. fr

**Emenda 32**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. Billi bejn l-2008 u l-2012, in-numru ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Ewropa (UE27+in-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera) żdied bi kważi miljun, b'żieda ta' nofs miljun bejn l-2011 u l-2012 biss[9], u, skont ***id-dejtamill- Eurostat*** fl-2013, 26.5 miljun tifel u tifla fl-UE28 huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; fl-UE27, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bejn l-2008 u l-2012 minn 26.5 % għal 28 %; fl-2013, fl-Istati Membri tal-UE28, 28 % tal-popolazzjoni totali taħt it-18-il sena kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali; | C. Billi bejn l-2008 u l-2012, in-numru ta' tfal f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fl-Ewropa (UE27+in-Norveġja, l-Islanda u l-Isvizzera) żdied bi kważi miljun, b'żieda ta' nofs miljun bejn l-2011 u l-2012 biss[9], u, skont ***id-dejta mill-Eurostat*** fl-2013, 26.5 miljun tifel u tifla fl-UE28 huma f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali; fl-UE27, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali żdied bejn l-2008 u l-2012 minn 26.5 % għal 28 %; fl-2013, fl-Istati Membri tal-UE28, 28 % tal-popolazzjoni totali taħt it-18-il sena kienet f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali ***u, fil-maġġoranza kbira tal-pajjiżi, ir-riskju tal-faqar u l-esklużjoni soċjali hija akbar għat-tfal milli għall-adulti***; |
| [9] Save the Children, "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", Brussell, 2014, p. 5 | [9] Save the Children, "Il-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali fl-Ewropa", Brussell, 2014, p. 5 |

Or. pt

**Emenda 33**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi n-nisa huma f'riskju akbar ta' faqar mill-irġiel u billi l-indirizzar tal-faqar fost in-nisa huwa importanti mhux biss fih innifsu imma wkoll ta' importanza vitali fl-isforzi biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ca (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ca. Billi, l-UE rrikonoxxiet li l-kawżi multidimensjonali tal-faqar fost it-tfal għandhom bżonn rispons integrat bl-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Investiment fit-Tfal, iżda ma ħaditx passi koerenti biex timplimenta dan permezz tas-Semestru Ewropew;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill-2008;*** | ***imħassar*** |

Or. de

**Emenda 36**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill-2008; | D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja ***b'mod drammatiku*** mill-2008; |

Or. it

**Emenda 37**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill-2008; | D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill-2008***, baqa' l-istess fil-bqija tal-pajjiżi tal-Unjoni; billi l-malnutrizzjoni hija problema komuni għat-tfal tal-klassijiet soċjali kollha li taffettwa l-aktar it-tfal minn sfondi fqar u kulturalment żvantaġġati***; |

Or. fr

**Emenda 38**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. Billi huwa allarmanti li ***f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja,*** il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill- | D. Billi huwa allarmanti li ***f'xi Stati Membri*** il-perċentwal ta' tfal li ma jistgħux ***jaffordjaw*** jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin irdoppja mill-2008; |

2008;

Or. en

**Emenda 39**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa D**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| D. Billi huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal ***li ma jistgħux jieklu laħam, tiġieġ jew ħut jumejn wara xulxin*** irdoppja mill-2008; | D. Billi ***l-inugwaljanza dejjem tikber bejn il-pajjiżi fl-UE hija riflessa fil-livelli ta' deprivazzjoni materjali tat-tfal -*** huwa allarmanti li f'pajjiżi bħall-Estonja, il-Greċja u l-Italja, il-perċentwal ta' tfal ***li n-nutrizzjoni tagħhom tinsab f'riskju minħabba defiċjenza ta' proteina*** irdoppja mill-2008; |

Or. en

**Emenda 40**
**Maria Arena**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. Billi fl-osservazzjonijiet finali tiegħu fuq l-aħħar rapporti perjodiċi tal-Portugall (2014), il-Litwanja (2013) u l-Ġermanja (2014), il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal esprima tħassib dwar iż-żieda fir-rata tal-faqar u/jew fir-rata ta' riskju ta' faqar fost it-tfal minħabba l-kriżi ekonomika, li jaffettwaw it-tgawdija ta' ħafna mid-drittijiet li jinsabu fil-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, jiġifieri d-drittijiet għas-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali u*** |

***ħeġġeġ biex jiġi żgurat li l-linji baġitarji għat-tfal ikunu protetti anki f'sitwazzjoni ta' kriżi ekonomika jew emerġenzi oħra;***

Or. en

**Emenda 41**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. Billi l-kriżi finanzjarja u ekonomika wasslet għal deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-għajxien u għall-ħolqien ta' grupp ġdid, imsemmi wkoll "ġdid għall-bżonn", b'riskju partikolari ta' dejn u ta' dawk l-aktar fil-bżonn ta' għajnuna iżda li ma jkunux konxji dwar l-appoġġ disponibbli [1a];*** <br> __________________ <br> [1a] (Ibbażat fuq l-istudju tal-Eurofound (2012) dwar id-dejn eċċessiv fost il-familji) |

Or. en

**Emenda 42**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. ***Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità(tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż*** | ***imħassar*** |

***tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;***

---

***[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze***

Or. en

**Emenda 43**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li ***l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (***tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji ***u*** żieda fil-piż tat-taxxa***)***, ***il-UNICEF*** tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava ***il-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal[10] u ***b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal*** u ***jikkostitwixxu*** ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; | E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji ***kif ukoll*** żieda fil-piż tat-taxxa, ***jistgħu jaggravaw il-faqar fost it-tfal u l-UNICEF*** tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava ***l-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal[10] u ***bil-kunsiderazzjoni ġenerali li l-politika li twassal għall-insolvenza ta' Stati u unitajiet domestiċi, ixxejjen il-perspettivi futuri tat-tfal u tista' tikkostitwixxi*** ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali |

dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

Or. de

**Emenda 44**
**Thomas Mann**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

Or. de

**Emenda 45**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija ***l-hekk imsejħa miżuri*** ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; | E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija ***l-miżuri*** ta' awsterità ***imposti mill-UE fuq l-Istati Membri*** (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; |
| [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze | [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze |

Or. fr

**Emenda 46**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija ***l-hekk imsejħa*** miżuri ta' awsterità(tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u ***għen biex jaggrava*** il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u ***b'hekk*** dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; | E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija miżuri ta' awsterità(tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u ***aggrava*** il-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] u dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; |
| [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze | [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze |

Or. en

**Emenda 47**
**Ádám Kósa**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen | E. Billi l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda ***drammatika u sproporzjonata*** fil-piż tat-taxxa ***u piżijiet oħra, pereżempju dawk relatati ma' self għad-dar***), il-UNICEF |

biex jaggrava ***il-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal[2] u b'hekk dawn ***il-politiki*** jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, ***kif ukoll kriżijiet finanzjarji u miżuri ta' awsterità li jirriżultaw minn infiq irresponsabbli preċedenti tal-gvern***, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava ***l-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal u b'hekk dawn ***il-miżuri tranżitorji jew miżuri responsabbli li jimmiraw għal bilanċ stabbilit mill-ġdid u baġit sostenibbli jistgħu jkunu bbażati biss fuq id-distribuzzjoni usa' tal-ispejjeż soċjali, u li l-konsolidazzjoni baġitarja tista' ma tkunx possibbli mingħajr solidarjetà soċjali usa', għalhekk dawn il-miżuri jiġu applikati mingħajr dawk komplementari li jimmiraw ċirku usa' ta' persuni taxxabbli fil-perjodu ta' wara b'mod persistenti*** jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali;

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

Or. hu

**Emenda 48**
**Enrique Calvet Chambon, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi ***l-organizzazzjonijiet jenfasizzaw li l-kawża prinċipali taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis sinifikanti ta' appoġġ*** | E. Billi ***l-kriżi u t-tnaqqis għal livelli aktar baxxi ta' prosperità kkontribwew għaż-***żieda fl-inugwaljanzi u ***għad-deterjorament tal-***kundizzjonijiet tal- |

| | |
|---|---|
| ***soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u*** żieda ***fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied*** l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava l-kundizzjonijiet tal-għajxien tat-tfal[10] ***u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali***; | għajxien tat-tfal; |
| [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014), "Tfal tar-Riċessjoni: l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benesseri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innoċenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze. | [10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014), "Tfal tar-Riċessjoni: l-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benesseri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innoċenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze. |

Or. es

**Emenda 49**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. Billi ***l-organizzazzjonijiet*** jenfasizzaw li ***l-kawża prinċipali*** taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità (tnaqqis ***sinifikanti*** ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava ***il-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal[10] u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; | E. Billi ***bosta organizzazzjonijiet*** jenfasizzaw ***li waħda mill-kawżi*** taż-żieda fil-faqar fost it-tfal hija l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità ***u l-konsegwenzi tagħhom*** (tnaqqis ta' appoġġ soċjali lit-tfal u l-familji, żieda fil-qgħad, it-tixrid ta' impjiegi prekarji u żieda fil-piż tat-taxxa), il-UNICEF tiddikjara li t-tnaqqis fil-baġit, b'mod partikolari fil-pajjiżi Mediterranji, żied l-inugwaljanzi u għen biex jaggrava ***l-kundizzjonijiet*** tal-għajxien tat-tfal u b'hekk dawn il-politiki jiksru d-drittijiet tat-tfal u jikkostitwixxu ksur tal-obbligi internazzjonali skont il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali; |

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

[10] Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF (2014) "Tfal tar-Riċessjoni: L-impatt tal-kriżi ekonomika fuq il-benessri tat-tfal f'pajjiżi sinjuri", Karta tar-Rapport Innocenti 12, Uffiċċju tar-Riċerka tal-UNICEF, Firenze

Or. pt

**Emenda 50**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. Billi ambjent intraprenditorjali favorevoli jistimula t-tkabbir tal-impjiegi fl-Istati Membri, u jwessa' l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ġenituri, li jistgħu mbagħad jservu bħala mudelli milqugħa, speċjalment f'komunitajiet milquta b'mod negattiv mill-faqar multiġenerazzjonali u l-esklużjoni;*** |

Or. sk

**Emenda 51**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. Billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fuq quddiem nett tal-ħidma kontra l-faqar fost it-tfal u l-isfruttament tagħhom u għalhekk għandhom responsabbiltà kruċjali fil-prevenzjoni tal-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 52**
**Marek Plura, Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. Billi xogħol diċenti mħallas tajjeb għal mill-inqas ġenitur wieħed jikkostitwixxi l-fattur ewlieni li jipproteġi lill-familji mit-theddida tal-faqar;*** |

Or. pl

**Emenda 53**
**Iratxe García Pérez**
f'isem il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; | F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar***, ħin sproporzjonat li jagħmlu n-nisa f'xogħol mhux imħallas, interruzzjonijiet fil-karrieri tan-nisa li jieħdu ħsieb it-tfal jew membri oħra tal-familja,*** u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; |

Or. en

**Emenda 54**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u ***d-diskriminazzjoni*** fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; | F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u ***d-differenza*** fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; |

Or. en

**Emenda 55**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut ***għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa***; | F. ***Billi l-faqar tat-tfal huwa qabel xejn dak tal-familji;*** billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut ***għall-instabbiltà tas-suq tax-xogħol u d-diffikultajiet għaċ-ċittadini Ewropej li jsibu xogħol diċenti; billi n-nisa huma aktar u aktar sfurzati għax-xogħol prekarju jew part-time u għalhekk għal introjtu baxx; billi l-politiki pubbliċi adottati riċentement mill-Istati Membri, u t-trivjalizzazzjoni tal-kunċett ta' "paternità" jidhru li qed isiru aktar negattivi għas-sostenibbiltà tal-familja nukleari u s-solidarjetà interġenerazzjonali***; |

Or. fr

**Emenda 56**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %)***, li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa***; | F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %)***; madankollu, hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi (pereżempju, dejta tal-2012 mill-UE-SILC 2012 tindika li r-rata AROPE fost il-ġenituri waħedhom tvarja minn 35 % fid-Danimarka sa 78 % fil-Bulgarija); ir-riċerka turi li s-sitwazzjoni soċjali tal-familji żvantaġġati hija marbuta mhux biss sal-limitu tal-kriżi iżda wkoll ma' kif irrispondew għaliha l-pajjiżi***; |

Or. en

**Emenda 57**
**Vilija Blinkevičiūtė, Siôn Simon, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; | F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar***, ir-rappreżentanza żejda tan-nisa fix-xogħol prekarju u bħala ħaddiema part-time*** |

| | |
|---|---|
| | ***involontarji*** u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; |

Or. en

**Emenda 58**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa ***dovut għall-femminizzazzjoni*** tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; | Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa ***relatat mal-femminizzazzjoni*** tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; |

Or. pt

**Emenda 59**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa; | F. Billi l-familji b'ġenitur wieħed, speċjalment familji mmexxija minn ommijiet waħedhom, huma f'riskju akbar ta' faqar jew esklużjoni soċjali (49.8 % meta mqabbla ma' 25.2 %), li huwa dovut għall-femminizzazzjoni tal-faqar u d-diskriminazzjoni fil-paga bejn l-irġiel u n-nisa***, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa, kif ukoll diffikultajiet fl-aċċess għal impjieg ta' kwalità, u rati ogħla ta' xogħol part-time; billi hemm differenzi*** |

***kbar bejn il-pajjiżi u r-riċerka turi li s-sitwazzjoni soċjali tal-familji żvantaġġati hija marbuta mhux biss sal-limitu tal-kriżi iżda wkoll ma' kif irrispondew għaliha l-pajjiżi*** [1a];

______________________

***1a Ibbażat fuq ir-riċerka tal-Eurofound***

Or. en

**Emenda 60**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. billi l-faqar fost it-tfal jista' jitnaqqas permezz ta' titjib tal-opportunitajiet fis-suq tax-xogħol b'mod partikolari tan-nisa permezz ta' espansjoni mtejba tal-kura tat-tfal;*** |

Or. de

**Emenda 61**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. Billi t-tfal minn gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni bħat-tfal tat-triq, migranti, il-familji ta' minoranza lingwistika jew etnika pereżempju Rom huma aktar f'riskju ta' marġinalizzazzjoni, faqar u esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 62**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. Billi t-tfal minn gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni bħat-tfal tat-triq, migranti, jew il-familji ta' minoranza etnika pereżempju Rom huma aktar f'riskju ta' marġinalizzazzjoni, faqar u esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 63**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fa. Billi familji kbar b'paga waħda huma iktar f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, li huwa dovut għall-politiki ta' degradazzjoni tal-pagi u sistemi ta' protezzjoni soċjali bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika;*** |

Or. en

**Emenda 64**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fa. Billi familji kbar b'paga waħda huma iktar f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali, li huwa dovut għall-politiki ta' degradazzjoni tal-pagi u sistemi ta' protezzjoni soċjali bħala konsegwenza tal-kriżi finanzjarja u ekonomika;*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fa (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fa. Billi l-aħħar rapporti mill-Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li jaħdmu mal-persuni mingħajr dar jenfasizzaw żieda fin-nisa, iż-żgħażagħ u l-familji bit-tfal (bi tfal migranti rrappreżentati żżejjed) li jittieħdu f'xelters għal persuni mingħajr dar;*** |

Or. pt

**Emenda 66**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fb (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Fb. Billi t-tfal, il-ġenituri tagħhom, il-ġenituri tar-rispett tagħhom u l-persuni li jindukrawhom għandhom ikunu protetti minn diskriminazzjoni għal kull raġuni*** |

***bħalma huma s-sess, ir-razza, il-kulur, il-lingwa, ir-reliġjon, l-opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor.***

Or. en

**Emenda 67**
**Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Fb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fb. Billi r-riċerka mill-Eurofound dwar is-sitwazzjoni soċjali tal-familji bit-tfal taħt 18-il sena matul il-kriżi ekonomika turi li r-riskju għat-tfal li jgħixu fil-faqar huwa ogħla b'mod sinifikanti meta dawn jikbru f'familja b'ġenitur wieħed jew f'familja kbira. Madankollu, hemm differenzi kbar bejn il-pajjiżi (pereżempju, dejta tal-2012 mill-UE-SILC 2012 tindika li r-rata AROPE fost il-ġenituri waħedhom tvarja minn 35 % fid-Danimarka sa 78 % fil-Bulgarija). Ir-riċerka turi li s-sitwazzjoni soċjali tal-familji żvantaġġati hija marbuta mhux biss sal-limitu tal-kriżi iżda wkoll ma' kif irrispondew għaliha l-pajjiżi[1c];*** |
| | ***1c Eurofund (imminenti), "Familji fil-kriżi ekonomika: rispons għall-iżvantaġġ".*** |

Or. en

**Emenda 68**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. Billi ***l-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq it-tfal jistgħu jdumu tul ta' ħajja u jkomplu fil-ġenerazzjonijiet futuri; li*** d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfondi soċjoekonomiċi differenti żdied (fi 11-il pajjiż, il-provvista ta' edukazzjoni għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 3 snin tilħaq mhux aktar minn 15 % ta' kopertura); | G. Billi d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfondi soċjoekonomiċi differenti żdied (fi 11-il pajjiż, il-provvista ta' edukazzjoni għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 3 snin tilħaq mhux aktar minn 15 % ta' kopertura); ***billi l-flussi migratorji extra-Ewropej ma jippermettux l-assimilazzjoni tat-tfal fis-sistemi edukattivi tal-Istati Membri;*** |

Or. fr

**Emenda 69**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. Billi l-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq it-tfal jistgħu jdumu tul ta' ħajja u ***jkomplu fil-ġenerazzjonijiet futuri; li*** d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfondi soċjoekonomiċi differenti żdied (fi 11-il pajjiż, il-provvista ta' edukazzjoni għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 3 snin tilħaq mhux aktar minn 15 % ta' kopertura); | G. Billi l-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq it-tfal jistgħu jdumu tul ta' ħajja u ***jirriżultaw f'qgħad interġenerazzjonali u faqar; billi*** d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfondi soċjoekonomiċi differenti żdied (fi 11-il pajjiż, il-provvista ta' edukazzjoni ***u kura bikrija tat-tfal*** għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 3 snin tilħaq mhux aktar minn 15 % ta' kopertura); |

Or. en

**Emenda 70**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa G**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| G. Billi l-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq it-tfal jistgħu jdumu tul ta' ħajja u jkomplu fil-ġenerazzjonijiet futuri; ***li d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfondi soċjoekonomiċi differenti żdied (fi 11-il pajjiż, il-provvista ta' edukazzjoni għat-tfal bejn l-etajiet ta' 0 u 3 snin tilħaq mhux aktar minn 15 % ta' kopertura);*** | G. Billi l-effetti tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq it-tfal jistgħu jdumu tul ta' ħajja u jkomplu fil-ġenerazzjonijiet futuri; |

Or. pt

**Emenda 71**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. Billi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal għandhom impatt deċiżiv fuq l-iżvilupp konjittiv tat-tfal u jistabbilixxu s-sisien għas-suċċess aktar tard fil-ħajja f'termini ta' edukazzjoni, benesseri, impjegabbiltà, u integrazzjoni soċjali, speċjalment għat-tfal minn sfondi żvantaġġati;*** |

Or. en

**Emenda 72**
**Marek Plura, Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. Billi l-edukazzjoni preprimarja jista' jkollha rwol sinifikanti fl-ikkumpensar għall-istatus soċjoekonomiku baxx ta' tfal*** |

***mhedda mill-faqar u tikkostitwixxi fattur li jiffaċilita r-ritorn tal-ġenituri għas-suq tax-xogħol [1a];***

*1 a Rapport tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "Studju dwar il-fondi għall-implimentazzjoni tal-politika dwar il-faqar fost it-tfal" 2008, p. 9*

Or. pl

**Emenda 73**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. Billi l-awtoritajiet lokali u reġjonali jinsabu fuq quddiem nett tal-ħidma kontra l-faqar fost it-tfal u l-isfruttament tagħhom u għalhekk għandhom responsabbiltà kruċjali fil-prevenzjoni tal-marġinalizzazzjoni u l-esklużjoni soċjali u dawn għandhom jiġu pprovduti b'mezzi suffiċjenti mill-awtoritajiet nazzjonali biex jilħqu dawn l-għanijiet, kull meta jkun xieraq;*** |

Or. en

**Emenda 74**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ga (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ga. Billi l-ewwel ftit snin, anki qabel l-edukazzjoni obbligatorja, huma kruċjali għall-iżvilupp tat-tfal, minħabba li huwa*** |

***matul dan il-perjodu li jiżviluppaw il-kapaċitajiet essenzjali u dak l-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għandu impatt sinifikanti fuq l-awtostima, l-abbiltà li jipparteċipew fil-ħajja soċjali, saħħa aħjar, l-inklużjoni soċjali u, fil-futur, l-aċċess għal opportunitajiet ta' xogħol aħjar; billi d-distakk edukattiv bejn tfal minn sfond soċjoekonomiku differenti żdied;***

Or. pt

**Emenda 75**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Gb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Gb. Billi l-edukazzjoni inklussiva tindirizza u tirrispondi għad-diversità tal-bżonnijiet tal-istudenti kollha permezz ta' parteċipazzjoni dejjem akbar fit-tagħlim, il-kulturi u l-valuri komunitarji, u għalhekk tirrappreżenta għodda b'saħħitha għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 76**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil- | H. Billi ***għad hemm ostakli prattiċi finanzjarji, amministrattivi u oħrajn għall-edukazzjoni għal gruppi emarġinati tat-tfal; u*** l-infiq fuq l-ispejjeż tal- |

maġġoranza tal-pajjiżi;

edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi;

Or. en

**Emenda 77**
**Nicola Caputo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi ***u billi dan l-infiq huwa fattur importanti li jikkontribwixxi għat-tluq bikri mill-iskola***; |

Or. it

**Emenda 78**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. Billi ***għad hemm ostakli prattiċi finanzjarji, amministrattivi u oħrajn għall-edukazzjoni għal gruppi emarġinati tat-tfal u*** l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; |

Or. en

**Emenda 79**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| H. Billi l-infiq fuq ***l-ispejjeż tal-edukazzjoni***, speċjalment ***fir-rigward ta'*** materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. ***Billi għad hemm ostakli prattiċi finanzjarji, amministrattivi u oħrajn għall-edukazzjoni għal gruppi emarġinati tat-tfal; u*** l-infiq fuq l-edukazzjoni, speċjalment ***spejjeż ta'*** materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; |

Or. en

**Emenda 80**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| H. Billi l-infiq fuq ***l-ispejjeż tal-edukazzjoni***, speċjalment ***fir-rigward ta'*** materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. Billi ***għad hemm ostakli prattiċi finanzjarji, amministrattivi u oħrajn għall-edukazzjoni għal gruppi emarġinati tat-tfal; u*** l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; |

Or. en

**Emenda 81**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; ***billi fl-Istati Membri privileġġati, bħal Franza, parti kbira mill-appoġġ attribwit mingħajr kontrolli lill-familji għall-edukazzjoni tat-tfal spiss tintuża għal skopijiet oħra mill-benefiċċjarji;*** |

Or. fr

**Emenda 82**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa H**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi; | H. Billi l-infiq fuq l-ispejjeż tal-edukazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' materjali skolastiċi u t-trasport, essenzjalment jitħallas mill-familji fil-maġġoranza tal-pajjiżi***, iżda wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ frekwenti għall-familji fl-akbar bżonn***; |

Or. pt

**Emenda 83**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ha. Billi l-ambjent soċjoekonomiku li jgħixu fih it-tfal jaffettwa l-kwalità ta' ħin mgħoddi fl-iskola u l-kwalità tal-ħin matul il-vaganzi skolastiċi, u billi livell fqir ta' stimulazzjoni waqt il-ħin liberu għandu l-effett mhux mixtieq li jżid id-differenzi bejn it-tfal, speċjalment fl-edukazzjoni tagħhom;***

Or. sk

**Emenda 84**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ha (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ha. Billi, fl-2012, ir-rata medja ta' tluq bikri mill-iskola kienet 13 % għall-UE u aktar minn 20 % f'xi pajjiżi (il-Portugall, Spanja u Malta)*** [9 a]

---

[9 a] ***EU-SILC (2013) Statistika tal-UE dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien***

Or. pt

**Emenda 85**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Hb (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Hb. Billi ġenituri li jaħdmu li ma***

***jkollhomx aċċess għal skola ta' tfal żgħar huma spiss sfurzati li jħallu t-tfal fil-kura tat-tfal l-oħra, jew li jirrikorru għal netwerks tal-kura informali mħallsa u mhux iċċertifikati, li tippreġudika s-sikurezza u l-benessri tat-tfal tagħhom;***

Or. pt

**Emenda 86**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist; | I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist***, u xi tfal li għandhom aċċess limitat għal servizzi lil hinn mill-kura ta' emerġenza***; |

Or. en

**Emenda 87**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist; | I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna ***familji, u għalhekk,*** tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist; |

Or. fr

**Emenda 88**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal ***tabib tal-familja jew dentist***; | I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal ***servizzi tas-saħħa affordabbli***; |

Or. en

**Emenda 89**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal ***tabib tal-familja jew dentist***; | I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa ***u għall-kura tas-saħħa*** huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal ***kura tas-saħħa xierqa, u xi tfal li għandhom aċċess estremament limitat għal servizzi lil hinn mill-kura ta' emerġenza***; |

Or. en

**Emenda 90**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa I**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas- | I. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas- |

| | |
|---|---|
| saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist; | saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, hemm ħafna tfal li ma għandhomx aċċess għal tabib tal-familja jew dentist***, u xi tfal li għandhom aċċess estremament limitat għal servizzi lil hinn mill-kura ta' emerġenza***; |

Or. en

**Emenda 91**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ia (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ia. Billi t-tfal mwielda fil-faqar huma f'riskju akbar li jiġu affettwati b'mard kroniku u li jkollhom aktar problemi ta' saħħa, li jwassal għat-tkomplija tal-inugwaljanza;*** |

Or. pt

**Emenda 92**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Neoklis Sylikiotis, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ib (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ib. Billi, anki f'pajjiżi fejn id-dritt għas-saħħa huwa mnaqqax fil-liġi, ħafna tfal ma jkollhomx aċċess għal appuntamenti ma' tabib ġenerali jew dentist, b'mod partikolari minħabba n-nuqqas ta' servizzi pubbliċi disponibbli; billi xi tfal ikollhom aċċess limitat ħafna għal servizzi tal-kura tas-saħħa, li jkopru biss l-aċċidenti u xi emerġenza;*** |

Or. pt

**Emenda 93**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ic (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ic. Billi l-problemi finanzjarji tal-familji jikkontribwixxu għal żieda fil-problemi ta' saħħa mentali fil-ġenituri u għal każijiet ta' qsim tal-familja, u dan għandu riperkussjonijiet evidenti fuq il-benessri psikoloġiku u soċjali tat-tfal;*** |

Or. pt

**Emenda 94**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Id (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Id. Billi l-ambjent li jgħixu fih it-tfal, inkluż il-perjodu ta' qabel it-twelid, għandu influwenza deċiżiva fuq l-iżvilupp tas-sistema konjittiva, dwar il-komunikazzjoni u l-lingwa, u fuq il-ħiliet soċjali u emozzjonali, li jkollhom konsegwenza għas-saħħa, il-benessri, il-parteċipazzjoni fil-komunitajiet u l-kapaċitajiet ta' tagħlim [9 b];*** |
| | ***[9 b] Drivers, 2014, "Programmi universali ta' kwalità tat-tfulija bikrija li jirrispondu għal bżonn li jiġu promossi riżultati aħjar u aktar ugwali fit-tfulija u aktar tard fil-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħajja".*** |

Or. pt

**Emenda 95**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji ***u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi*** qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal***; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji qiegħed lit-tfal f'riskju akbar; |

Or. en

**Emenda 96**
**Michaela Šojdrová**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji ***u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi*** qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal***; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar; |

Or. en

**Emenda 97**
**Enrique Calvet Chambon**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u ***n-negliġenza*** u li ***r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza*** akbar ***kontra t-tfal***; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u ***t-trattament abbużiv u li li l-esponiment għar-riskju tagħhom ma jistax ikun*** akbar ***billi jgħixu f'ambjenti żvantaġġati***; |

Or. es

**Emenda 98**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar u li ***l-hekk imsejħa miżuri*** ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; | Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi***, konsegwenzi diretti tar-restrizzjonijiet baġitarji u l-miżuri ta' awsterità imposti mill-UE,*** qiegħed lit-tfal f'riskju akbar u li ***dawn il-miżuri*** ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; |

Or. fr

**Emenda 99**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji ***u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi*** qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu*** għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u ż-żieda fil-faqar tista' twassal*** għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; |

Or. en

**Emenda 100**
**Marek Plura, Krzysztof Hetman**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal***; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar; |

Or. pl

**Emenda 101**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li ***l-pressjonijiet finanzjarji*** fil-familji ***u*** t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi ***qiegħed lit-tfal f'riskju akbar u li l-hekk imsejħa*** miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li ***l-pressjoni finanzjarja*** fil-familji***, it-tnaqqis*** fis-servizzi pubbliċi ***u*** miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal; |

Or. en

**Emenda 102**
**Sofia Ribeiro**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa J**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar ***u li l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità qed iwasslu għall-vjolenza akbar kontra t-tfal***; | J. Billi t-tfal kollha għandhom id-dritt li jkunu protetti mill-abbuż, il-vjolenza u n-negliġenza u li r-riċerka kkonkludiet li l-pressjonijiet finanzjarji fil-familji u t-tnaqqis fis-servizzi pubbliċi qiegħed lit-tfal f'riskju akbar; |

Or. pt

**Emenda 103**
**Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ja (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. Billi l-faqar fost it-tfal huwa fenomenu multidimensjonali li jeħtieġ rispons multidimensjonali. L-impjieg*** |

***huwa fattur wieħed importanti, iżda mhux dejjem jiggarantixxi ħelsien mill-faqar għall-familja tat-tfal ikkonċernati.***

Or. en

**Emenda 104**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ja (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ja. Billi l-faqar fost it-tfal għandu piż ekonomiku tqil fuq soċjetajiet, partikolarment rigward infiq akbar fuq l-appoġġ soċjali;*** |

Or. pt

**Emenda 105**
**Dominique Martin, Joëlle Mélin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill-medja[11]; in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru f'xelters; | K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill-medja[11]; in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà ***jew ir-rifjut*** li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru f'xelters; |
| [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien | [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien |

Or. fr

**Emenda 106**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill-medja[11]; in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru f'xelters; | K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill-medja[11]; ***il-prezz tal-enerġija jfisser li ħafna tfal jgħixu fi djar mingħajr sħana, li jżid in-numru ta' mard respiratorju u kardjovaskolari;*** in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru f'xelters; |
| [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-UE dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien | [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-UE dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien |

Or. pt

**Emenda 107**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa K**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill- | K. Billi huwa aktar probabbli li l-familji li jgħixu f'riskju ta' faqar ikunu jgħixu f'żoni mhux sanitarji u mhux sikuri, u li 17 % tat-tfal fl-UE28 għadhom jgħixu f'dawn il-kundizzjonijiet, bi 15-il pajjiż aktar mill- |

| | |
|---|---|
| medja[11]; in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru ***f'xelters***; | medja[11]; in-numru dejjem jikber ta' evizzjonijiet minħabba l-inabbiltà li jitħallsu l-ispejjeż tad-djar wassal biex it-tfal ikollhom imorru ***f'kundizzjonijiet ta' dar dejjem aktar instabbli li mbagħad ikollhom impatti negattivi fuq l-iżvilupp u ċ-ċansijiet tal-ħajja tat-tfal***; |
| [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien | [11] EU-SILC (2013) Statistika tal-Unjoni Ewropea dwar id-Dħul u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien |

Or. en

**Emenda 108**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. Billi familji bi tfal bi problemi ta' saħħa, u bl-istess mod ġenituri li jkollhom problemi ta' saħħa, aktar spiss jiffaċċjaw ir-riskju tal-faqar, il-qsim tal-familja u diffikultà biex jistabbilixxu lilhom infushom fis-suq tax-xogħol;*** |

Or. sk

**Emenda 109**
**Maria Arena, Vilija Blinkevičiūtė**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. Billi l-aġenda li jmiss ta' wara l-2015/SDGs u l-universalità tagħha tipprovdi opportunità biex jiżdiedu l-investimenti fit-tfal u d-drittijiet tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 110**
**Sven Schulze**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. billi l-faqar relattiv ma jagħmel l-ebda stqarrija dwar il-faqar reali, iżda sempliċement stqarrija dwar il-pożizzjoni tad-dħul relattiva meta mqabbla ma' ta' oħrajn;*** |

Or. de

**Emenda 111**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. Billi l-faqar fost it-tfal huwa fenomenu multidimensjonali li jeħtieġ rispons multidimensjonali. L-impjieg huwa fattur wieħed importanti, iżda mhux dejjem jiggarantixxi ħelsien mill-faqar għall-familja tat-tfal ikkonċernati;*** |

Or. en

**Emenda 112**
**Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ka. Billi l-Parlament Ewropew japprova r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea "L-Investiment fit-Tfal: Niksru ċ-Ċiklu tal-Iżvantaġġ" li tipproponi qafas ta' politika komprensiv għall-indirizzar tal-faqar fost it-tfal u l-promozzjoni tal-benessri tat-tfal ibbażat fuq tliet pilastri ta' aċċess għal riżorsi adegwati; aċċess għal servizzi ta' kwalità; il-parteċipazzjoni tat-tfal fis-soċjetà u fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u li tirrikonoxxi lit-tfal bħala detenturi tad-drittijiet;***

Or. en

**Emenda 113**
**Enrique Calvet Chambon, Marian Harkin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdida)**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda*

***Ka. Billi, skont l-Istatistika Ewropea dwar l-Introjtu u l-Kundizzjonijiet tal-Għajxien (EU SILC) tal-Eurostat, 2012, il-faqar enerġetiku huwa realtà li taffettwa l-Istati Membri kollha, fejn it-tfal huma l-akbar telliefa minħabba li din taffettwa l-benessri tagħhom, l-ikel u s-saħħa;***

Or. es

**Emenda 114**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ka (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ka. Billi t-tfal migranti huma rrappreżentati żżejjed fil-grupp f'riskju ta' faqar u hemm aktar diskriminazzjoni kontrihom minħabba ostakli lingwistiċi, b'hekk din is-sitwazzjoni hija agħar għat-tfal ta' immigranti illegali; billi, illum, bl-intensifikazzjoni tal-flussi migratorji, hemm numru dejjem jikber ta' każijiet li fihom it-tfal ta' emigranti jibqgħu fil-pajjiż tat-twelid tagħhom taħt il-kura ta' membri oħra tal-familja jew partijiet terzi, li jinfluwenzaw negattivament l-iżvilupp tat-tfal, b'mod partikolari fil-livell emozzjonali;*** |

Or. pt

**Emenda 115**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Kb (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Kb. Billi l-enfasi ta' politika qawwija fuq il-faqar fost it-tfal fis-snin reċenti fi ħdan l-UE u d-dikjarazzjonijiet politiċi ta' appoġġ mill-Kapijiet tal-Istati tal-UE għadhom ma wasslux għal tnaqqis sinifikanti fil-livelli ta' faqar fost it-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Inês Cristina Zuber, Paloma López Bermejo, Neoklis Sylikiotis, Patrick Le Hyaric, Kostadinka Kuneva, Lynn Boylan, Tania González Peñas, Gabriele Zimmer**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Kb (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Kb. Billi għandu jkun hemm tisħiħ finanzjarju ta' programmi ta' għajnuna għall-ikel immirati lejn il-familji żvantaġġati, peress li numru dejjem jikber ta' tfal ikollhom aċċess għall-ikel fl-iskola biss; billi dawn il-programmi huma importanti, iżda ma jistgħux jitqiesu bħala soluzzjoni fit-tul;*** |

Or. pt

**Emenda 117**
**Yana Toom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Kc (ġdid)**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Kc. Billi kwistjonijiet ambjentali bħat-tniġġis, it-traffiku, l-art kontaminata u l-ilma tax-xorb perikoluż ta' spiss jaffettwaw b'mod sproporzjonat tfal li jgħixu fil-faqar.*** |

Or. en

**Emenda 118**
**Vilija Blinkevičiūtė, Marju Lauristin, Maria João Rodrigues**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Subintestatura 1**

| Mozzjoni għal riżoluzzjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Rakkomandazzjonijiet*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni tistabbilixxi mal-Istati Membri Pjan Direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-approċċ fuq tliet pilastri adottat fir-Rakkomandazzjoni dwar l-Investiment fit-Tfal - f'termini ta' aċċess għar-riżorsi (pagi u appoġġ għall-introjtu), servizzi u l-parteċipazzjoni tat-tfal;*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Vilija Blinkevičiūtė, Jutta Steinruck, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Brando Benifei, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi sotto-mira tal-Ewropa 2020 dwar it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali u biex tagħmel it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali viżibbli u espliċitu fl-istati kollha tas-Semestru Ewropew; jistieden ukoll lill-Kummissjoni biex tinkludi taqsima speċifika mal-mira vinkolanti f'kull Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir dwar il-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-promozzjoni tal-benesseri tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1a. Jistieden lill-Istati Membri jużaw il-fondi tal-UE u strumenti oħra disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Brando Benifei, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1b. Jistieden lill-Istati Membri biex jintegraw b'mod effettiv l-aspetti relevanti ta' Pakkett ta' Investiment Soċjali u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni "L-Investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ" fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali u Rapporti Nazzjonali Soċjali annwali tagħhom b'mod komprensiv; jistieden lill-Kummissjoni biex tiżgura monitoraġġ annwali u r-rappurtar mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Vilija Blinkevičiūtė, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel, Sergio Gutiérrez Prieto**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu -1c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1c. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu sħiħ mill-Fondi Strutturali tal-UE disponibbli billi jiżguraw aċċess għat-tfal kollha għal riżorsi suffiċjenti li jippermettu livell ta' għajxien adegwat u servizzi ta' kwalità bi prezz raġonevoli, sabiex jinkiser iċ-ċiklu tal-iżvantaġġ kmieni fil-ħajja;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Aldo Patriciello**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jieħdu impenn konkret sabiex*** iżidu l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; |

Or. it

**Emenda 125**
**Jana Žitňanská**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu ***l-kwantità, l-ammonti,*** il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, ***iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju;*** | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal ***fil-faqar u f'riskju ta' faqar*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Sergio Gaetano Cofferati, Laura Agea, Tiziana Beghin**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju ***u l-fenomenu tal-"working poor"***; ***iqis utli l-istabbiliment ta' strateġija konġunta li tipprevedi interventi diretti u speċifiċi relatati mas-sitwazzjonijiet ta' faqar estrem, li tiddefinixxi indikaturi u kriterji adegwati għall-identifikazzjoni tagħhom, bħal livelli ta' introjtu u aċċess għall-bżonnijiet bażiċi. Strateġija li għandha tiġi implimentata fl-Istati Membri individwali fil-qafas tal-Fond Soċjali Ewropew u tar-riżorsi naturali u reġjonali maħsubin għall-politiki soċjali u l-inklużjoni.*** |

Or. it

**Emenda 127**
**Lampros Fountoulis**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu ***l-kwantità, l-ammonti,*** il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, ***iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol*** li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu l-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal***. Fir-rigward tal-ġenituri***, ***jirrakkomanda l-promozzjoni ta' liġijiet tax-xogħol speċjali*** li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg ***kemm*** prekarju ***kif ukoll mhux iddikjarat, filwaqt li wieħed jieħu ħsieb li jitħallsu benefiċċji xierqa kif u meta jitqies neċessarju***; |

Or. el

**Emenda 128**
**Maria Arena**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu ***l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività*** tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżidu ***l-effettività, il-kwantità, l-ammonti u l-kamp ta' applikazzjoni*** tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali u s-sigurtà lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; |

Or. en

**Emenda 129**
**Vilija Blinkevičiūtė, Siôn Simon, Maria João Rodrigues, Marju Lauristin, Elena Gentile, Emilian Pavel**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Jirrakkomanda li l-Istati Membri*** j***żidu l-kwantità, l-ammonti, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività*** tal-appoġġ ***soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal-qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet*** soċjali ***u s-sigurtà lill-familji u*** l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju; | 1. ***Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw politiki għall-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal li jiffukaw fuq il-korrezzjoni tal-fatturi ewlenin li jaffettwaw il-faqar fost-tfal: billi jtejbu s-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol tal-ġenituri u jsaħħu l-intervent tal-gvern permezz ta' appoġġ għall-introjtu u l-provvista ta' servizzi li jippermettu; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jipprovdu għal standards ta' għajxien adegwati li huma kompatibbli ma' ħajja dinjituża permezz ta' kombinazzjoni ta' benefiċċji u billi jiżguraw l-kwantità, il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività*** tal-appoġġ soċjali ***speċifikament diretti lejn it-tfal u l-familji tagħhom, u*** l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju***, il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-impjiegi part-time involontarji***; |

Or. en

**Emenda 130**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jżidu*** l-kwantità, l-ammonti, ***il-kamp ta' applikazzjoni*** u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it-tfal, iżda anke lejn il-ġenituri (bħall-benefiċċji tal- | 1. Jirrakkomanda li l-Istati Membri ***jiżguraw l-adegwità tal-introjtu għall-ġenituri billi jżidu*** l-kwantità, l-ammonti, ***il-kopertura, it-teħid*** u l-effettività tal-appoġġ soċjali dirett speċifikament lejn it- |

qgħad) u biex jippromwovu liġijiet tax-xogħol li jiggarantixxu d-drittijiet soċjali ***u s-sigurtà*** lill-familji u l-ġlieda kontra l-impjieg prekarju;

